**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Allan Grima**

Kaz Numru: 270/2015

Illum, 9 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Allan Grima, iben Anthony u Anna nee' Borg, imwieled l-Pieta', fis-26 ta' Dicembru, 1982 u residenti Flat 4 Block 16D, Triq il-Gendus, Bormla, detentur ta' karta tal-identita' 115783M:

Talli nhar is-27 ta' Gunju 2010 ghall-habta ta' bejn 14: 15hrs u 14:45hrs minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAF187 tal-qhamla Ford Fiesta illi kienet ipparkjata gewwa Triq ir-Rinella Kalkara ikkommetta serq ta' stereo tal-marka JVC liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haqa misruqa u dan ghad-detriment ta' Oliver Veneziani u jew persuna/i ohra. *(Art.261(b)(g), 263(a), 271(g),* 278 (2) *Kap* 9);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAF187 tal-ghamla Ford Fiesta liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Oliver Veneziani u jew persuna/i ohra. *(Art 325(c) Kap 9):*

U aktar talli nhar id-19 ta' Lulju 2004 ghall-habta ta' bejn 08:00hrs u 17:30hrs minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBF974 tal-ghamla Peugeot 206 illi kienet ipparkjata gewwa Triq il-Profs Walter Ganado Pembroke ikkommetta serq ta' flus liema serq huwa aggravat bil-rnezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Joanne Darmanin u jew persuna/i ohra. *(Art.261(b)(g), 263(a), 271(g),* 278 (2) *Kap 9):*

U aktar talli fl-lstess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil- vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBF974 tal-ghamla Peugeot 206 liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Joanne Darmanin u jew persuna/i ohra. *(Art 325(c) Kap 9):*

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospisa imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. S. Demicoli LLD datata 22 ta' Dicembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel:

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 22 tal-ligijiet ta' Malta imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LLD datata 27 ta' Mejju 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel:

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz il-pre-sentencing report.

Ikkunsidrat:

Illi l-ufficjal prosekutur iddikjara li inkwantu ghas-sitt imputazzjoni, is-sentenza tat-22 ta' Dicembru 2009 iddahlet fis-sehh permezz tas-sentenza tas-26 ta' Awwissu 2010 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ghaldaqstant il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra billi l-imputat ammetta l-istess imputazzjonijiet dawn jirrizultaw sodisfacjentement ippruvati.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu li hija wahda kkulurita u li tevidenzja karattru refrattarju tal-imputat, min-naha l-ohra l-imputat waqt iz-zmien li qieghed jinzamm fil-facilita' korrettiva ta' kordin (fuq proceduri ohra) ha azzjoni fuq il-vizzju tad-droga li ghandu. Kwindi din il-Qorti filwaqt li ghall-ewwel erba' imputazzjonijiet (it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet huma mezz ai fini ghall-ewwel u t-tielet imputazzjoni rispettivament) se tohrog ordni ta' probation sabiex l-imputat ikompli jindirizza l-problema li ghandu; inkwantu ghas-seba' imputazzjoni tqis li m'ghandhiex titratta mal-imputat ghar-reati li kien instab hati taghhom fis-27 ta' Mejju 2003. Dan il-kaz kien jitratta reat li l-imputat wettaq fis-sena 2010. Billi l-imputat jirrizulta li qieghed jindirizza l-problema tieghu l-Qorti tqis li ghandha taghtih l-ahhar cans.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 20,49, 50,261(b)(g), 263(a), 271(g), 278(2), 325(1)(c) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u inkwantu ghall-erba' imputazzjonijiet bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin millum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet

anness moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inkwantu ghas-seba' imputazzjoni l-Qorti taghzel li ma titrattax mal-hati ghar-ragunijiet fuq indikati.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza inkwantu ghall-ordni ta' probation.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat